KUNSILL LOKALI - GĦAXAQ - LOCAL COUNCIL
15, Vjal il-Labour, Għaxaq; Tel: 21664888; Fax: 21665454
E-mail address: ghaxaq.lc@gov.mt

# MINUTI

## LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI ĦAL GĦAXAQ

## IS-SEBGĦA (7) LEĠISLATURA

***Laqgħa Numru Tlieta u Sittin (63)***

***L-Erbgha, 14 ta' Dicembru, 2016***

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Għaxaq iltaqa' fl-Uffiċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'15, Vjal il-Labour, Ħal Għaxaq fil-ħamsa u nofs ta' filgħaxija (5:30pm).

**PREZENTI:**

| | |
|---|---|
| IS-SINDKU | DARREN ABELA |
| Il-VICI SINDKU | EMANUEL VASSALLO |
| IL-KUNSILLIERA | ROSE AGIUS |
| IL-KUNSILLIER | KEITH FENECH |
| IL-KUNSILLIERA | MARIANNE SCHEMBRI |

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

SEGRETARJU EZEKUTTIV - FIONA SAID

**<u>MINUTI</u>**

Is-Sindku Darren Abela ippresjeda l-laqgħa.

***Il-Laqgħa tal-Kunsill bdiet fis-5.50pm***

**<u>63.1 Qari tal-ittri ta' apologiji</u>**

63.1.1 Ma tressqu l-ebda ittri ta' apologiji

**<u>63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;</u>**

63.2.1 Is-Sindku Darren Abela ressaq fuq il-mejda tal-Kunsil ghall-approvazzjoni, il-Minuti tal-Laqgha Numru 62 li nzammet nhar it-Tnejn, 28 ta' Novembru 2016.

63.2.2 Il-Minuti tal-Laqgha Numru 62 tqassmu minn qabel u ghaldaqstant unanimament gew ikkunsidrati bhala moqrija.

63.2.3 Is-Sindku Darren Abela ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgha Numru 62. Il-Minuti tal-Laqgha tal-Kunsill Numru 62 gew approvati unanimament.

**<u>63.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iSkeda ta' Pagamenti</u>**

***A. Skeda ta' Pagamenti : Numru 63/2016 –Dicembru 2016***

63.3.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżentat fuq il-mejda tal-Kunsill l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 63-2016 biċ-ċekkijiet numru 5456 sa 5477 li tammonta €14191.51

63.3.2 Għaldaqstant is-Sindku ressaq il-mozzjoni għall-approvazzjoni tal-ammont ta' €14191.51
Proponent: il-Kunsilliera Rose Agius
Sekondant: il-Kunsilliera Miriam Schembri

63.3.3 Wara mozzjoni imressqa mis-Sindku Darren Abela, l-iSkeda ta' Pagamenti Numru 63-2016 ġiet approvata unanimament.

***F'dan l-istadju tal-laqgha attenda il-Vici Sindku Emanuel Vassallo (6:00pm)***

**63.4 Approvazzjoni tal-Financial Statements 2015**

***Is-Segretarju Ezekuttiv stiednet lill-Accountants tal-Kunsill sabiex jaghtu spjegazzjoni tar-rapport***.

63.4.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat kopja tal-Financial Statements 2015 lill-membri tal-Kunsill u stiednet lill-Accountants biex jaghtu spjegazzjoni tar-rapport.

63.4.2 L-Accountant tal-Kunsill Laurence Manicaro taha deskrizzjoni dettaljata tal-figuri fir-rapport fejn il-Kunsill ghalaq is-sena 2015 bi profit ta' €8,261.

63.4.3 Tressqet mozzjoni sabiex jigi approvat il-Financial Statements 2015 fejn il-Kunsill qabel unanimament. Il-Financial Statements 2015 gew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

***63.5 Approvazzjoni tar-Rapport Annwali Amministrattiv 2016***

63.5.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezentat ir-Rapport Annwali Amministrattiv ghas-sena 2016. Is-Segretarju Ezekuttiv tat spjegazzoni dettaljata tal-kontenut tar-Rapport.

63.5.2 Il-Kunsilliera Rose Agius ipproponiet li jizdied is-servizz tat-Tilqima tal-Influwenza. Dwar dan il-Kunsill qabel.

63.5.3 Ir-Rapport Annwali Amministrattiv kif ukoll il-kontenut f'materja 63.5.2 gie approvat unanimament.

**63.6 Korrispondenza**

63.6.1 Tressqet korrispondenza minghand residenta li toqghod fi Triq il-Gudja fejn kienet talbet li jsiru bollards fuq il-bankina. Wara li saret it-talba lil Transport Malta, din ma ntlaqghetx minhabba li l-bankina mhix wiesa' bizzejjed. Wara li tkejlet il-wisgha tal-bankina, gie propost li l-bollards jitwahhlu taht il-bankina. Dwar dan il-Kunsill qabel li tintbaghat lit-TM. Is-Sindku semma ukoll il-bankina ta' Triq il-Qattus u bankina ta' Triq il-Hannieqa fejn ukoll saret l-istess talba ghal bollards. Il-Kunsill qabel li titkejjel il-bankina u ssir talba biex il-bollards jitwahhlu taht il-bankina.

63.6.2 Tressqet kwotazzjoni rigward Cash-in-transit service. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oggezzjoni u approva l-kwotazzjoni.

63.6.3 Tressqet korrispondenza rigward talba sabiex isir *child care centre*. Il-Kunsill m'ghandux post addattat sabiex isir dan ic-*Child Care Centre*.

63.6.4 Tressqu talbiet ghal trasferiment tal-Vacation leave mill-impjegati. Il-Kunsill approva dawn it-talbiet.

**63.7 Komunikazzjonijiet mis-Sindku**

63.7.1 Is-Sindku Darren Abela ppropona li tintalab informazzjoni rigward l-iSkema ta' asfaltar ta toroq rurali li nieda is-Segretarju Parlamentari Dr Ian Borg.

63.7.2 Is-Sindku Darren Abela ressaq ilment rigward parkegg illegali fil-hinijiet tal-iskola fejn tressqet talba sabiex Santu Rokku jintuza bhala parkegg. Il-Kunsill ma qabilx ma din il-proposta anzi il-Kunsillier Keith Fenech ippropona li hadd m'ghandu jipparkja fuq Santu Rokku u ghandha tintbaghat korrispondenza lill-Klabb tal-Bocci biex ma jibqax isir da nil-parkegg illegali. Is-Sindku ppropona li ssir talba lit-TM biex il-parkeggi fi Triq il-Gudja (quddiem il-Vagabond) isiru dritti u b'hekk jizdiedu il-parkeggi. Il-Kunsill qabel.

63.7.3 Is-Sindku Darren Abela fetah id-diskussjoni dwar l-attivita' ta' *Russian Winter Fest* li saret fl-10 u l-11 ta' Dicembru. Is-Sindku kif ukoll il-Kunsill kollu jinsab deluz minhabba li ma nzammx il-ftehim mal-organizzatur u hafna affarijiet li kienu mifthemin ma nzammux u kawza ta' dan l-attivita' marret hazin u l-konkorrenza tan-nies kienet wahda fqira. Il-Kunsill qabel li ma jhallas l-ebda pagament sakemm jigi diskuss fil-laqgha tal-Kunsill.

63.7.4 Is-Sindku Darren Abela ippropona li ghas-sena d-diehla ghandu jsir presepju kif ukoll Christmas Tree fil-Pjazza minflok issir din l-attivita'. Dwar dan il-Kunsill qabel li din il-proposta tigi diskussa f'iktar dettal fil-laqghat li jmiss.

**63.8 Mistoqsijiet u Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

63.8.1 Il-Vici Sindku Emanuel Vassallo gibet l-attenzjoni dwar ilment rigward is-servizz tal-karozza numru 88 li filghodu qed titlaq fis-5.45am fejn fis-Sajf din kienet titlaq fil-5.30am. Il-Kunsill qabel li jibghat l-ilment lit-Trasport Pubbliku sabiex din tibda titlaq fil-5.30am.

**63.9 Tmiem tal-Laqgha u d-data tas-Seduta li jmiss**

63.9.1 Il-Laqgha giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 10 ta' Jannar 2017 fil-5.30pm

Il-Laqgha ntemmet fit-8.00pm

________________________ ________________________

| | |
|---|---|
| Fiona Said | ikkonfermati |
| Segretarju Ezekuttiv | Darren Abela |
| | Sindku |